MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 512/2009

**MaltaTicket.com Limited (C41085)**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Magri personalment u in rappresentanza tas-socjeta' civili MEGA MUSIC MANAGEMENT INTERNATIONAL**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti pro et nomine sabiex ihallsuha s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha w tmenin centezmu (€ 11,646.87) jew somma ohra verjuri li ma teccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti in linja ta' danni likwidati sofferti minnha wara inadempjenza kontrattwali min-naha taghhom proprio et nomine meta dwar avveniment bl-isem ta' "The Coca Cola MALTA MUSIC AWARDS" li sehh fis-serata ta' nhar is-Sibt 5 ta' Dicembru 2009, naqsu milli jingaggaw is-servizzi taghha minkejja l-obbligi taghhom naxxenti minn kuntratt li

vera kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata bhala Dok **'A'.**

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Ottubru 2009 (vera kopja annessa u mmarkata bhala Dok 'B'**)** flimkien mal-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-Ligi mill-5 ta' Dicembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament, ilkoll kontra l-konvenut proprio et nomine u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni**.**

Rat ir-risposta tal-konvenut Emanuel sive Noel Magri personalment kif ukoll in rappresentanza tas-socjeta' civili Mega Music Management International fejn eccepew is-segwenti:-

1."*Illi preliminarjament l-intimat Emanuel sive Noel Magri mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici.*

*2.Illi t-talbiet hekk kif kontenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-avveniment The Coca Cola Malta Music Awards tas-sena 2009 u li gie organizzat nhar is-Sibt 5 ta' Dicembru 2009 ma sarx mis-socjeta' Mega Music Management International.*

*3. Illi oltre dan is-socjeta' attrici ma tistax tippretendi hlas ta' xoghol illi hija m'ghamlitx.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Semghet lil **Emanuel sive Noel Magri** jixhed fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2010 u jghid li Mega Music Management International hija socjeta' civili bejnu u bejn Carlo Borg Bonaci u fil-fatt huwa ffirma l-kuntratt esebit fl-atti u markat bhala Dok. A f'isem din is-socjeta' civili. Ikkonferma li dak iz-zmien din is-socjeta' civili kienet qed torganizza *music events*, wiehed minnhom kien Music Awards.

In kontro ezami nhar it-22 ta' Gunju 2010 l-istess xhud jikonferma li ftehim bil-miktub bejnu w Carlo Borg Bonaci m'hemmx u l-ftehim ta' din is-socjeta' civili huwa wiehed civili biss.

Semghet lill-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fl-istess seduta tat-22 ta' Gunju 2010 u

awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari dwar din l-istess l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta' attrici qed tghid li stante li ftehim bil-miktub m'hemmx bejn il-konvenut Emanuel sive Noel Magri w Carlo Borg Bonaci dwar l-allegat ftehim civili ta' bejniethom, skond il-Ligi u partikolarment l-Artikolu 1233 (1) (f) tal-Kap 16, dan il-ftehim ma jezistix u ghalhekk huwa responsabbli l-konvenut personalment, altroche' jekk mhux il-legittimu kontradittur. Min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li verament m'hemmx ftehim bil-miktub pero' dan huwa riskju li hadet is-socjeta' attrici meta kkontrattat mal-konvenuti, w ghalhekk hija r-responsabilita' taghha llum tara kif ser tagixxi. Il-konvenut sostna li r-riskju li hadet is-socjeta' attrici meta ghamlet il-kuntratt ma' Mega Music Awards International huwa taghha u taghha biss, u kienet hi stess li ddecidiet li tikkuntrattja ma' socjeta' civili inezistenti.

Ikkunsidrat ulterjorment:

**L-artikolu 1233 (1) tal-kap 16** jiddisponi s-segwenti:-
"*Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita'.*
***(f)*** *is-socjetajiet civili."*

Ghalhekk kif tajjeb irriteniet il-Qort tal-Magistrati (Ghawdex) gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>John u Jacqueline konjugi Mizzi vs Is-socjeta' With it Limited u Helen Grech"</u>** deciza nhar id-19 ta' Dicembru 2008 "ghandhom isiru b'att pubbliku jew skrittura privata, taht piena ta' nullita', dawk il-kazijiet kollha msemmija f'dan l-artikolu fosthom is-socjetajiet civili."
Skond l-**Artikolu 78** ta' l-Att dwar Kumpanniji (**Kapitolu 386**):-
"*Il-persuni kolha li jmexxu negozju jew jaghmlu ftehim taht isem jew ghan-nom ta' kumpanija li dwarha ma jkunx inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att jew qabel*

*id-data murija fic-certifikat tar-registrazzjoi bhala d-data li fiha dik il-kumpanija ghandha tibda ssehh, ikunu sakemm ma jkunx miftiehem xort'ohra personalment u solidament responsabbli dwar terzi ghall-atti maghmula taht dak l-isem."*

**L-artikolu 78(3)** jipprovdi:-
*"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (1), in-negozji msemmija f'dak is-sub-artikolu ghandhom jitqiesu bhallikieku saru mill-kumpanija ghar-rigward ta' terzi li ttrattaw in bona fede ma persuni li agixxew f'isem jew ghan-nom kumpanija li dwarha ma jkunx inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att, jew li ma tkunx ghadha giet fis-sehh, b'effett mid-data li fiha l-kumpanija tigi fis-sehh; izda f'dak il-kaz id-disposizjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx. Il-kumpanija jkollha il-jedd li tkun indennizzata mill-persuni li ikunu agixxew f'isimha jew ghan-nom taghha dwar ir-responsabilita' taghha taht dan is-sub-artikolu lejn l-imsemmija terzi."*

B'anologija jinghad li s-sitwazzjoni hija l-istess ghal kazijiet fejn hemm ftehim civili li ma giex redatt bil-miktub. Il-principju huwa wiehed u l-legislatur ried li jipprotegi lill-parti li *in buona fede* tinnegozja ma' terz f'isem socjeta' civili jew limitata meta tali socjeta' ma tkunx jew giet registrata jew adirittura redatta bil-miktub.

F'dan il-kaz dak huwa li gara, u cioe' li l-konvenut Noel Magri kien fi ftehim ma' Carlo Borg Bonaci dwar in-negozju taghhom taht l-isem Mega Music Awards International u ma kinux ghamlu ftehim bil-mitub dwar kif kellha tigi operata r-relazzjoni ta' bejniethom fir-rigward dan il-ftehim. Illi ghalhekk in realta' ftehim skond il-Ligi ma sarx, u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm ftehim civili bejniethom, u ghalhekk huwa responsabbli ghall-ftehim iffirmat mill-konvenut Noel Magri nhar id-19 ta' Novemrbu 2008 l-istess Noel Magri. Din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza tal-konvenuti li tghid li una volta s-socjeta' attrici hadet dan ir-riskju li kkontrattat ma' socjeta' inezistenti ghandha tkun hi li tbati d-danni konsegwenzjali li tal volta jkun hemm. Din il-Qorti tiddikjara li una volta l-konvenut Noel Magri iffirma ismu ghan-nom ta' dan l-

allegat ftehim civili, allura kien qed jassumi r-responsabilita' taghha, agixxa *in bona fede* u zgur mhux sabiex jinganna lis-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli tal-ftehim.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li mhix qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Emanuel sive Noel Magri li mhux responsabbli personalment, u tordna ghalhekk li l-kawza titkompla fil-konfront tieghu.**

**L-ispejjez ta' din il-vertenza jithallew ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------